A.L. 395 tal-2018

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żoni Pedonali fil-Belt Valletta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità' għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żoni Pedonali fil-Belt Valletta u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Żoni Pedonali fil-Belt Valletta hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 499.54.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira tal-kelma "permess" minnufih wara l-kliem "Kunsill Lokali" għandhom jiżdiedu l-kliem "bl-approvazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "Triq l-Arċisqof" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Triq San Kristofru";

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "Triq l-Ordinanza" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Pjazza Tritoni";

(ċ) fil-paragrafu (d) tiegħu, il-kelma "il-Merkanti" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "San Pawl";

(d) fil-paragrafu (e) tiegħu, il-kelma "ir-Repubblika" għandha tigi sostitwita bil-kliem "San Pawl" u l-kelma il-Merkanti" għandha tigi sostitwita bil-kelma "id-Dejqa";

(e) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kelma "l-Ifran" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "id-Dejqa";

(f) fil-paragrafu (g) tiegħu, il-kelma "l-Ifran" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "il-Merkanti"; u l-kelma "ir-Repubblika" għandha tigi sostitwita bil-kelma "l-Ifran";

(g) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "ir-Repubblika" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "il-Merkanti"; u l-kliem "San Pawl" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "ir-Repubblika";

(h) fil-paragrafu (i) tiegħu, il-kelma "ir-Repubblika" għandha tiġi sostitwit bil-kliem "San Pawl"; u l-kliem "San Pawl" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Zekka";

(i) minnufih wara l-paragrafu (i) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(j) Triq l-Ordinanza bejn Pjazza Jean de Vallette u Triq ir-Repubblika";

(j) minnufih wara l-paragrafu (j) tiegħu, għandu jiżdied dan li ġej:

"(k) Pjazza Tritoni;

(l) Misraħ il-Ħelsien;

(m) Pjazza Jean de Vallette;

(n) Pjazza Kastilja;

(o) Misraħ San Ġwann;

(p) Misraħ l-Assedju l-Kbir;

(q) Misraħ ir-Repubblika;

(r) Misraħ San Ġorġ;

(s) Triq it-Teżor".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "fiż-żoni msemmija" għandu jiżdied il-kliem "u skedati fl-Ewwel Skeda";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kelma "vetturi" għandu jiżdied il-kliem "sa massimu ta' 7.5 tunellati"; u

(ċ) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Kunsill Lokali" għandhom jiżdiedu l-kliem "bl-approvazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta".

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "billi juża *remote control*" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "billi jinforma lill-Kunsill Lokali biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfetaħ l-aċċess minn uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Kunsill Lokali" għandhom jiżdiedu l-kliem "u wara li tingħieb l-approvazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta"; u

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Residenti li jkunu jikkwalifikaw għall-permess għandu jinħarġilhom il-permess li, flimkien mad-diska tal-parkeġġ jew kull dokument ieħor li jista' jinħareġ għal dan il-għan, għandu jintwera wara l-*windscreen* tal-vettura".

6. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar. Iħassar ir-regolament 6 tar-regolament prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emumerat mill-ġdid bħala ir-regolament 6, u minnufih wara l-kliem "d-diska tal-parkeġġ" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew kull dokument ieħor li jservi għall-istess skop". Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 7, u is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jemenda tar-regolamenti 8 tar-regolamenti prinċipali.

"(1) Vetturi li jikkwalifikaw taħt il-paragrafu (a) tal-proviso għar-regolament 4(1) għandhom jitħallew jidħlu fiż-żoni pedonali fil-ħinijiet u l-ġranet tal-ġimgħa li ġejjin:

- Mit-Tnejn sas-Sibt minn 01.00am sa 09.30am
- Nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis minn 2.30p.m. sa 4.30p.m. biss mir-rotot murija fit-Tieni Skeda".

9. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 8. Jenumera mill-ġdid ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara r-regolament 8, kif enumerat mill-ġdid, għandha tiżdied din lis-Skeda ġdida li ġejja: Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

"L-EWWEL SKEDA
(Regolament 4)
Pjanta li turi ż-żoni pedonali fil-Belt Valletta



".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

11. Minnufih wara l-Ewwel Skeda, kif miżjuda, għandha tiżdied lis-Skeda ġdida li ġejja:

"IT-TIENI SKEDA
(Regolament 7)
Pjanta li turi r-rotot li jistgħu jgħaddu l-vetturi minnhom fiż-żoni pedonali tal-Belt Valletta nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis minn 2.30p.m. sa 4.30p.m.



".